SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Ir-Raba' Awla)

27 ta' Settembru 2012 *

"Politika agrikola komuni — Organizzazzjoni komuni tas-swieq — Produtturi taz-zokkor u tal-iżoglukożju — Kalkolu tal-ammont tal-imposti fuq il-produzzjoni — Validità ta' mod ta' kalkolu li jieħu inkunsiderazzjoni ammonti ta' ħlasijiet lura fittizji għall-kwantitajiet ta' zokkor esportati mingħajr ħlas lura — Retroattività tal-leġiżlazzjoni — Rata ta' kambju — Dritt għal interessi"

Fil-Kawżi magħquda C-113/10, C-147/10 u C-234/10,

li għandhom bħala suġġett talbiet għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Finanzgericht Düsseldorf (C-113/10) (il-Ġermanja), mill-High Court of Justice (England & Wales), Chancery Division (C-147/10) (ir-Renju Unit), u mit-Tribunal de grande instance de Nanterre (C-234/10) (Franza), b'deċiżjonijiet, rispettivament, tat-22 ta' Frar, tat-12 ta' Marzu u tas-6 ta' Mejju 2010, li waslu quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja fit-2 u fid-29 ta' Marzu, kif ukoll fit-12 ta' Mejju 2010, fil-proċeduri

Zuckerfabrik Jülich AG (C-113/10)

vs

Hauptzollamt Aachen,

British Sugar plc(C-147/10)

vs

Rural Payments Agency, an Executive Agency of the Department for Environment, Food & Rural Affairs,

u

Tereos – Union de coopératives agricoles à capital variable(C-234/10)

vs

Directeur général des douanes et droits indirects,

Receveur principal des douanes et droits indirects de Gennevilliers,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Ir-Raba' Awla),

komposta minn J.-C. Bonichot, President tal-Awla, A. Prechal, K. Schiemann, L. Bay Larsen (Relatur) u C. Toader, Imħallfin,

* Lingwi tal-kawża: il-Ġermaniż, l-Ingliż u l-Franċiż.

Avukat Ġenerali: E. Sharpston,

Reġistratur: K. Malacek, Amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tat-30 ta' Ġunju 2011,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

— għal Zuckerfabrik Jülich AG, minn H.-J. Prieß u B. Sachs, avukati,

— għal British Sugar plc, minn K. Lasok, QC, u G. Facenna, barrister,

— għal Tereos – Union de coopératives agricoles à capital variable, minn N. Coutrelis, avukata,

— għall-Gvern Ġermaniż, minn T. Henze u J. Möller, bħala aġenti,

— għall-Gvern tar-Renju Unit, minn S. Hathaway u H. Walker, bħala aġenti,

— għall-Gvern Franċiż, minn G. de Bergues u B. Cabouat, bħala aġenti,

— għall-Gvern Spanjol, minn F. Díez Moreno, bħala aġent,

— għall-Gvern Litwan, minn R. Mackevičienė u R. Krasuckaitė, bħala aġenti,

— għall-Gvern Awstrijak, minn E. Riedl, bħala aġent,

— għall-Kummissjoni Ewropea, minn P. Rossi, B. Schima u D. Bianchi, kif ukoll minn K. Banks, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tas-27 ta' Ottubru 2011,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 It-talbiet għal deċiżjoni preliminari jirrigwardaw prinċipalment il-validità tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1193/2009, tat-3 ta' Novembru 2009, li jirrettifika r-Regolamenti (KE) Nru 1762/2003, (KE) Nru 1775/2004, (KE) Nru 1686/2005, (KE) Nru 164/2007 u li jiffissa l-imposti tal-produzzjoni fis-settur taz-zokkor għas-snin tas-suq 2002/2003, 2003/2004, 2004/2005, 2005/2006 (ĠU L 321, p. 1).

2 Dawn id-domandi ġew ippreżentati fil-kuntest ta' kawżi bejn, rispettivament, Zuckerfabrik Jülich AG (iktar 'il quddiem, "Jülich") u Hauptzollamt Aachen (il-Ġermanja), British Sugar plc (iktar 'il quddiem, "British Sugar") u r-Rural Payments Agency, an Executive Agency of the Department for Environment, Food & Rural Affairs (iktar 'il quddiem, ir-"Rural Payments Agency"), u Tereos – Union de coopératives agricoles à capital variable (iktar 'il quddiem "Tereos") u d-Direttur Ġenerali tad-dwana u tad-dazji indiretti u r-riċevitur prinċipali tad-dwana u tad-dazji indiretti ta' Gennevilliers (Franza), rigward l-ammonti ta' imposti mħallsa għas-snin tas-suq 2002/2003 sa 2005/2006, meħudin flimkien jew għal uħud minnhom.

Il-kuntest ġuridiku

3 L-Artikolu 8(1) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/597/KE, Euratom, tad-29 ta' Settembru 2000, dwar is-sistema tar-riżorsi tagħhom tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 3, p. 200), jipprovdi li r-riżorsi tal-Komunitajiet Ewropej bħalma huma, b'mod partikolari, l-imposti previsti fil-kuntest tal-organizzazzjoni komuni tas-swieq fis-settur taz-zokkor, għandhom jingħabru mill-Istati Membri skont il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi nazzjonali, li għandhom, fejn xieraq, jiġu adattati biex jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-leġiżlazzjoni Komunitarja.

4 Fir-rigward tal-imsemmija imposti, l-istess jingħad fl-Artikolu 8(1) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/436/KE, Euratom, tas-7 ta' Ġunju 2007, dwar is-sistema tar-riżorsi tagħhom tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU 2007 L 163, p. 17), li, kif jipprovdi l-Artikolu 10, tħassar id-Deċiżjoni 2000/597 mill-1 ta' Jannar 2007.

5 Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1260/2001, tad-19 ta' Ġunju 2001, dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fis-settur taz-zokkor (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 3, Vol. 33, p. 17, iktar 'il quddiem, ir-"Regolament bażiku"), imħassar permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 318/2006, tal-20 ta' Frar 2006, dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fis-settur taz-zokkor (ĠU L 58, p. 1), kien jipprevedi, b'mod partikolari, sistema ta' awtofinanzjament tas-settur taz-zokkor permezz tal-imposti fuq il-produzzjoni.

6 Skont il-premessa 11 tar-Regolament bażiku, l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fis-settur taz-zokkor kienet ibbażata, minn naħa, fuq il-prinċipju li l-produtturi għandu jkollhom ir-responsabbiltà kollha finanzjarja għat-telf magħmul f'kull sena tas-suq mir-rimi ta' dik il-parti mill-produzzjoni tal-Komunità li hija taħt il-kwota li hija żejda għall-konsum intern tal-Komunità u, min-naħa l-oħra, fuq differenzjar tal-garanziji tal-prezz għar-rimi li jirrifletti l-kwoti tal-produzzjoni allokati għal kull impriża.

7 Skont il-premessa 13 ta' dan ir-regolament, il-prinċipju tar-responsabbiltà finanzjarja kien iggarantit permezz tal-kontribut tal-produtturi li kien isir bil-ġbir ta' imposta bażika fuq il-produzzjoni li tapplika għall-produzzjoni kollha taz-zokkor A u B, iżda limitata għal 2 % tal-prezz ta' intervent għaz-zokkor abjad, u imposta B li taffettwa l-produzzjoni taz-zokkor B fil-limitu massimu ta' 37.5 % tal-prezz imsemmi l-aħħar. Peress li dawn il-limiti ma jippermettux, bħala regola ġenerali, li jintlaħaq l-għan ta' awtofinanzjament tas-settur għal kull sena, kellu jiġi previst, f'dan il-każ, il-ġbir ta' imposta supplimentari.

8 Il-premessa 14 tal-imsemmi regolament kienet tipprovdi kif ġej:

"Fl-interessi tat-trattament egwali, it-taxxa addizzjonali għandha tkun ikkalkulata għal kull azjenda fuq il-bażi tal-parti tagħha fil-qligħ iġġenerat mit-taxxi tal-produzzjoni li tkun tħallset għas-sena tas-suq f'dak il-każ. Għandu jkun għalhekk iffissat koeffiċjenti għall-Komunità kollha bħala rappreżentant għal dik is-sena tas-suq bejn it-telf totali rreġistrat u l-qligħ totali ġġenerat mit-taxxi tal-produzzjoni kkonċernati. Huwa neċessarju li jiġu speċifikati l-kondizzjonijiet li permezz tagħhom il-bejjiegħa tal-pitravi u tal-kannamieli għandhom jikkontribwixxu biex jitneħħa t-telf li jkun fadal għas-sena tas-suq ikkonċernata."

9 F'dak li jirrigwarda l-kalkolu ta' dawn it-taxxi, l-Artikolu 15 tar-Regolament bażiku kien jipprovdi:

"1. Qabel it-tmiem ta' kull sena tas-suq, is-segwenti għandu jkun irreġistrat:

a) tbassir tal-produzzjoni taz-zokkor A u B u ta' l-isoglukożi A u B u x-xiropp ta' l-insulina A u B li tista' tkun konnessa mas-sena tas-suq ikkonċernata;

b) tbassir tal-kwantitajiet taz-zokkor, ta' l-isoglukosi u tax-xiropp ta' l-insulina mwarrba għall-konsum fil-Komunità matul is-sena tas-suq li hemm referenza dwarha;

ċ) l-eċċess li jista' jkun esportat bit-tnaqqis tal-kwantità li hemm referenza dwarha fil-(b) mill-kwantità li hemm referenza dwarha fl-(a);

d) l-estimi tat-telf medju jew tad-dħul medju (ta' flus) għal kull tunnelata metrika sabiex jiġu mwettqa l-obbligi ta' l-esportazzjoni matul is-sena tas-suq kurrenti.

Din il-medja ta' telf [telf medju] jew ta' introjtu [dħul] għandha tkunu egwali għad-differenza bejn l-ammont totali tar-rifużjoni u l-ammont totali tad-dħul mit-taxxi fuq it-tunnellaġġ metriku totali ta' l-obbligi dwar [ta]l-esportazzjoni f'dak il-każ;

e) l-estimi tat-telf jew ta' l-introjtu ġenerali [globali] miksuba bil-multiplikazzjoni ta' l-eċċess riferit fiċ-(ċ) bil-medja tat-telf jew ta' l-introjtu riferit fid-(d).

2. Qabel it-tmiem tas-sena tas-suq 2005/2006 u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 10(3), (4), (5) u (6), is-segwenti għandu jkun irreġistrat kumulattivament għas-snin tas-suq 2001/2002 sa l-2005/2006:

a) l-eċċess esportabbli stabbilit fuq il-bażi tal-produzzjoni definittiva taz-zokkor tat-tip A u tat-tip B u ta' l-isoglukożi tat-tip A u tat-tip B u l-kwantità definittiva taz-zokkor u l-isoglukożi mwarrba għall-konsum ġewwa l-Komunità;

b) il-medja tat-telf jew ta' l-introjti kull tunnellata li jirriżulta mill-obbligazzjonijiet totali ta' l-esportazzjoni kkonċernati, ikkalkulati permezz tal-metodu deskritt fit-tieni subparagrafu tal-paragrafu 1 (d) t'hawn fuq;

ċ) it-telf jew l-introjtu ġenerali miksuba bil-multiplikazzjoni ta' l-eċċess riferit fl-(a) bil-medja tat-telf jew ta' l-introjtu riferit fil-(b);

d) is-somma totali tad-dħul mit-taxxi fuq il-produzzjoni bażika u t-taxxi B imponuti.

L-estimi tat-telf jew ta' l-introjtu ġenerali li hemm referenza dwaru fil-paragrafu 1 (e) għandhom jiġu aġġustati fuq il-bażi tad-differenza bejn l-ammonti li hemm referenza dwarhom f'(ċ) u f'(d).

[…]

8. Regoli dettaljati biex ikun applikat dan l-Artikolu għandhom jiġu adottati bi qbil mal-proċedura li hemm referenza dwarha fl-Artikolu 42, u għandhom ikopru partikolarment:

— l-ammonti tat-taxxi li jridu jinġabru,

[…]"

10 Wara li ngħatat is-sentenza tat-8 ta' Mejju 2008, Zuckerfabrik Jülich *et* (C-5/06 u C-23/06 sa C-36/06, Ġabra p. I-3231), u d-digriet tas-6 ta' Ottubru 2008, SAFBA (C-175/07 sa C-184/07), il-Kummissjoni Ewropea adottat ir-Regolament Nru 1193/2009, li permezz tiegħu hija rrettifikat ir-Regolamenti (KE) tal-Kummissjoni Nru 1762/2003, tas-7 ta' Ottubru 2003, li jistabbilixxi imposti fuq il-produzzjoni fis-settur taz-zokkor għas-sena tas-suq 2002/03 (ĠU L 254, p. 4), (KE) tal-Kummissjoni Nru 1775/2004, tal-14 ta' Ottubru 2004, li jistabbilixxi imposti fuq il-produzzjoni fis-settur taz-zokkor għas-sena tas-suq 2003/04 (ĠU L 316, p. 64), u (KE) tal-Kummissjoni Nru 1686/2005, tal-14 ta' Ottubru 2005, li jistabbilixxi l-imposti fuq il-produzzjoni u l-koeffiċjenti għall-imposta addizzjonali fis-settur taz-zokkor għas-sena tas-suq 2004/05 (ĠU L 271, p. 12), iddikjarati invalidi mill-Qorti tal-Ġustizzja, kif ukoll ir-Regolament (KE) tal-Kummissjoni Nru 164/2007, tad-19 ta' Frar

2007, li jiffissa l-imposti fuq il-produzzjoni fis-settur taz-zokkor għas-sena tas-suq 2005/2006 (ĠU L 51, p. 17), ibbażat ukoll fuq il-metodu ddikjarat invalidu mill-Qorti tal-Ġustizzja għas-snin tas-suq 2002/2003, 2003/2004 u 2004/2005. B'dan il-mod, il-Kummissjoni stabbilixxiet mill-ġdid, b'effett retroattiv, l-ammonti tal-imposti fuq il-produzzjoni għas-settur taz-zokkor għas-snin tas-suq 2002/2003 sa 2005/2006.

11 Il-premessi 5 u 6 tar-Regolament Nru 1193/2009 huma miktuba kif ġej:

"(5) Fis-sentenza tat-8 ta' Mejju 2008 il-kawżi konġunti C-5/06 u C-23/06 sa C-36/06, il-Qorti kkonkludiet li l-eżami tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1837/2002 tal-15 ta' Ottubru 2002 li jiffissa l-imposti tal-produzzjoni u l-koeffiċjent għall-imposti addizzjonali fis-settur taz-zokkor għas-sena tas-suq 2001/02 [ĠU L 278, p. 13] ma żvelax l-eżistenza ta' kwalunwe fattur li jaffettwa l-validità tiegħu. Sabiex tiffissa l-imposti tal-produzzjoni f'dik is-sena tas-suq, il-Kummissjoni għandha tikkalkula t-telf medju abbażi tal-kwantitajiet totali taz-zokkor esportat fil-forma ta' prodotti proċessati, kemm jekk huma eliġibbli għar-rifużjonijiet jew le.

(6) Huwa għalhekk xieraq li l-Kummissjoni tiffissa l-imposti tal-produzzjoni, inkluż fejn meħtieġ, koeffiċjent għal imposti addizzjonali, bl-użu tal-istess metodu ta' kalkolu bħal dak użat fis-sena tas-suq 2001/2002."

12 L-Artikoli 1 sa 4 tar-Regolament Nru 1193/2009 jistabbilixxu l-ammonti tal-imposti fuq il-produzzjoni fis-settur taz-zokkor għas-snin tas-suq 2002/2003 sa 2005/2006.

13 L-Artikolu 3 tar-Regolament Nru 1193/2009 jipprovdi:

"L-Artikoli 1 u 2 tar-Regolament (KE) Nru 1686/2005 qed jinbidlu b'dan li ġej:

'[…]

Artikolu 2

Għas-sena tas-suq 2004/2005, il-koeffiċjent provdut fl-Artikolu 16(2) tar-Regolament (KE) Nru 1260/2001 għandu jkun ta' 0.25466 għar-Repubblika Ċeka, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, il-Polonja, is-Slovenja u s-Slovakkja u 0.14911 għall-Istati Membri l-oħra.'"

14 L-Artikolu 6 tar-Regolament Nru 1193/2009 jipprovdi:

"Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

L-Artikolu 1 għandu japplika mit-8 ta' Ottubru 2003.

L-Artikolu 2 għandu japplika mill-15 ta' Ottubru 2004.

L-Artikolu 3 għandu japplika mit-18 ta' Ottubru 2005.

L-Artikolu 4 għandu japplika mit-23 ta' Frar 2007."

15 Bis-sentenza tagħha tad-29 ta' Settembru 2011, Il-Polonja vs Il-Kummissjoni (T-4/06, Ġabra p. II-331*), il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea qatgħet u ddeċidiet:

"L-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 1686/2005 […], kif emendat bl-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1193/2009 […] huwa annullat."

Il-kawżi prinċipali u d-domandi preliminari

Il-Kawża C-113/10

16 Jülich hija kumpannija li tipproduċi z-zokkor.

17 B'deċiżjonijiet tal-21 ta' Ottubru 2003, tas-26 ta' Ottubru 2005 u tal-21 ta' Frar 2007, il-Hauptzollamt Aachen (uffiċċju prinċipali tad-dwana ta' Aix-la-Chapelle) talab lil Jülich l-imposti marbuta mas-snin tas-suq 2002/2003, 2004/2005 u 2005/2006. Għal dawn it-tliet snin tas-suq, il-Hauptzollamt Aachen ibbaża ruħu fuq tliet regolamenti tal-Kummissjoni, jiġifieri r-Regolament Nru 1762/2003 għas-sena 2002/2003, ir-Regolament Nru 1686/2005 għas-sena 2004/2005, u r-Regolament Nru 164/2007 għas-sena 2005/2006.

18 Filwaqt li kkontestat l-imposti fuq il-produzzjoni ffissati għal dawn is-snin tas-suq, Jülich opponiet id-deċiżjoni tas-26 ta' Ottubru 2005 u talbet il-modifika tad-deċiżjonijiet tal-21 ta' Ottubru 2003 u tal-21 ta' Frar 2007. Hija sostniet li r-Regolamenti Nri 1762/2003, 1686/2005 u 164/2007 kienu invalidi minħabba li l-Kummissjoni kienet stabbilixxiet b'mod żbaljat ir-rata tal-imposti.

19 B'deċiżjonijiet tat-28 u tad-29 ta' Diċembru 2009, il-Hauptzollamt Aachen stabbilixxa, abbażi tar-Regolament Nru 1193/2009, l-ammont tal-imposti fuq il-produzzjoni dovuti minn Jülich għas-snin tas-suq 2002/2003, 2004/2005 u 2005/2006.

20 Jülich ippreżentat rikors kontra dawn id-deċiżjonijiet quddiem il-Finanzgericht Düsseldorf għar-raġuni li r-Regolament Nru 1193/2009 kien invalidu.

21 Sa fejn il-Kummissjoni, waqt ir-reviżjoni tar-rati tal-imposti, użat kalkolu ġdid mhux biss għall-kwantitajiet totali tal-obbligi ta' esportazzjoni, iżda wkoll għat-totalità tal-ammonti tal-ħlasijiet lura tas-snin tas-suq inkwistjoni fil-kawża prinċipali, billi ħadet inkunsiderazzjoni ħlasijiet lura fittizji għal esportazzjonijiet mingħajr ħlasijiet lura, il-qorti tar-rinviju għandha dubji dwar il-kompatibbiltà mal-prinċipju tad-dritt tal-Unjoni ta' nuqqas ta' retroattività ta' tali reviżjoni, li tmur lil hinn mill-kundizzjonijiet imposti permezz tas-sentenza Zuckerfabrik Jülich *et*, iċċitata iktar 'il fuq, u li hija applikabbli għal snin tas-suq li diġà ntemmu.

22 B'deċiżjoni tat-2 ta' Marzu 2010, il-Finanzgericht Düsseldorf iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domanda preliminari li ġejja:

"Ir-regolament […] Nru 1193/2009 […] huwa validu?"

Il-Kawża C-147/10

23 British Sugar, li tipproduċi prodotti fis-settur taz-zokkor talbet quddiem il-qrati ir-rimbors tal-ammont, flimkien mal-interessi, tal-imposti fuq il-produzzjoni taz-zokkor imħallsa żejjed għas-snin tas-suq 2002/2003 sa 2005/2006, lir-Rural Payments Agency.

24 Filwaqt li bbażat ruħha fuq l-interpretazzjoni tagħha tas-sentenza Zuckerfabrik Jülich *et*, iċċitata iktar 'il fuq, British Sugar ikkalkolat li l-ammont żejjed imħallas għas-snin tas-suq 2002/2003 sa 2005/2006 kien ta' madwar EUR 12 531 000, mingħajr l-interessi.

25 Ir-Rural Payments Agency ssostni li r-Regolament Nru 1193/2009 issa jistabbilixxi l-formula legali għall-kalkolu tal-ammont żejjed imħallas dovut lil British Sugar u li huwa jorbot lill-partijiet ikkonċernati kif ukoll lill-qorti tar-rinviju. Hija ssostni li, skont l-imsemmi regolament, l-ammont dovut lil British Sugar huwa ta' GBP 366 590,79 u li huwa biss dan l-ammont li għandu jitħallas lilha.

26 Skont British Sugar, ir-Regolament Nru 1193/2009 huwa invalidu, b'mod partikolari għaliex huwa vvizzjat bl-istess difett fundamentali bħal dak li wassal lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tinvalida r-Regolamenti Nri 1762/2003, 1775/2004 u 1686/2005. Hija ssostni li l-metodu ta' kalkolu li huwa adottat f'dawn ir-regolamenti, u b'mod partikolari l-kalkolu tat-"telf medju għal kull tunnellata", imsemmi fl-Artikolu 15(1)(d) tar-Regolament bażiku, huwa bbażat fuq it-telf ipotetiku marbut mal-ħlas lura fuq l-esportazzjoni disponibbli b'mod fittizju, imma li fil-fatt qatt ma tħallas. Għalhekk, fil-fehma tagħha r-Regolament Nru 1193/2009 iżid, b'mod artifiċjali, it-telf globali msemmi fl-Artikolu 15(1)(e) tar-Regolament bażiku.

27 Barra minn hekk, il-Kummissjoni ma kellhiex il-kompetenza sabiex tadotta r-Regolament Nru 1193/2009 skont ir-Regolament bażiku, għaliex, b'mod partikolari, dan tal-aħħar, li kien tħassar, ma kienx għadu fis-seħħ meta r-regolament il-ġdid ġie adottat. Fin-nuqqas ta' kompetenza bbażata fuq ir-Regolament bażiku, huwa l-Kunsill, skont l-Artikolu 43 TFUE, li għandu l-kompetenza sabiex jistabbilixxi l-ammonti tal-imposti fuq il-produzzjoni.

28 Minbarra dan, ir-Regolament Nru 1193/2009 huwa wkoll invalidu sa fejn huwa jeżiġi li l-ħlas li ma huwiex f'Euros isir bir-rata tal-kambju li kienet fis-seħħ fil-mument li fih ġie kkalkolat inizjalment l-ammont ta' imposti mħallas żejjed, u mhux fil-mument tar-rimbors.

29 Ir-Rural Payments Agency issostni li, sa fejn ir-Regolament Nru 1193/2009 donnu jsegwi l-iskema prevista mir-Regolament Nru 1837/2002, li l-eżami tiegħu ma kienx żvela l-eżistenza ta' elementi li jaffettwaw il-validità tiegħu, jista' jingħad li l-metodoloġija li huwa jistabbilixxi ġiet għalhekk ikkonfermata b'mod impliċitu mill-Qorti tal-Ġustizzja.

30 Fir-rigward tar-rata tal-kambju adattata (euro/GBP), għandha tinżamm dik li kienet fis-seħħ fiż-żmien li fih ġew stabbiliti l-imposti inizjali fuq il-produzzjoni taz-zokkor.

31 Fl-aħħar nett, skont ir-Rural Payments Agency, British Sugar ma għandhiex tingħata interessi fuq ir-rimbors tal-ammont imħallas żejjed tal-imposti li huwa dovut lilha. Fil-fatt, ir-rimborsi kollha lil din il-kumpannija tas-somom imħallsa żejjed għandhom ikunu akkumpanjati b'rimbors ekwivalenti mill-Kummissjoni lir-Rural Payments Agency, skont is-sistema ta' riżorsi tal-Komunità. Jekk ma teżistix, fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, bażi ġuridika rigward ir-riżorsi proprji li tippermetti lill-Istati Membri jirkupraw mill-Kummissjoni l-interessi marbuta ma' tali rimbors, ir-Rural Payments Agency tqis li l-istess prinċipju japplika għal kwalunkwe rimbors lil British Sugar.

32 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-High Court of Justice (England & Wales), Chancery Division, iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) Fid-dawl tas-sentenza [Zuckerfabrik Jülich *et*, iċċitata iktar 'il fuq,] u tad-digriet [SAFBA, iċċitat iktar 'il fuq], ir-Regolament [Nru 1193/2009] huwa invalidu?

2) Fid-dawl tal-bażi legali li fuqha ġie adottat, jiġifieri r-Regolament [bażiku], ir-Regolament [Nru 1193/2009] huwa invalidu?

3) Għall-kalkolu tal-kumpens dovut minħabba ħlas żejjed tal-imposti tal-produzzjoni taz-zokkor għas-snin [tas-suq] 2002/2003, 2003/2004, 2004/2005, 2005/2006, ir-rata tal-kambju applikabbli u d-data ta' konverżjoni huma kwistjonijiet li għandhom jiġu ddeterminati mid-dritt tal-Unjoni Ewropea? Jekk iva, l-Artikolu 6 tar-Regolament [Nru 1193/2009] għandu jiġi interpretat fis-sens li jitlob li l-kumpens jingħata skont ir-rata tal-kambju li kienet tapplika fiż-żmien meta ġie inizjalment ikkalkulat il-ħlas żejjed tal-imposti? Jekk iva, l-Artikolu 6 tar-Regolament [Nru 1193/2009] huwa validu?

4) Fir-rigward tal-interessi:

[a]) Il-liġi tal-[Unjoni] tipprekludi li persuna li tinsab f'pożizzjoni bħal dik tar-rikorrenti tirkupra l-interessi fuq l-ammonti mħallsa żejda mingħand l-awtorità nazzjonali responsabbli mill-ġbir tal-imposti fuq il-produzzjoni, minħabba regolament tal-Kummissjoni li jkun ġie ddikjarat invalidu, meta l-awtorità nazzjonali kompetenti tiġi prekluża milli tirkupra l-interessi fuq l-ammonti korrispondenti dovuti lilha mill-Kummissjoni?

[b]) Fil-każ ta' risposta affermattiva għad-[domanda 4(a)], il-leġiżlazzjoni tal-[Unjoni] dwar is-sistema ta' riżorsi proprji [Deċiżjoni 2000/597[…] u r-Regolament (KE) Nru 1150/2000 li jimplimentaha] tipprekludi l-awtorità nazzjonali kompetenti mill-ġbir tal-imposti tal-produzzjoni milli tkun tista' tirkupra l-interessi fuq l-ammonti dovuti lilha mill-Kummissjoni fiċ-ċirkustanzi ta' din il-kawża?

[ċ]) Fil-każ ta' risposta negattiva għad-[domanda 4(a)], il-liġi tal-[Unjoni] tipprekludi lil qorti nazzjonali jew lil awtorità nazzjonali milli jeżerċitaw is-setgħa diskrezzjonali eventwali tagħhom billi jiddeċiedu li ma jagħtux interessi fiċ-ċirkustanzi li fihom huma jagħtu rimbors lil persuna li tinsab f'pożizzjoni bħal dik tar-rikorrenti?"

Il-Kawża C-234/10

33 Peress li qieset li kienet ħallset imposti iżjed milli suppost taħt ir-Regolament Nru 1686/2005, għas-sena tas-suq 2004/2005, il-produttriċi taz-zokkor Tereos talbet ir-rimbors parzjali ta' dan l-ammont lir-riċevitur tad-dwana u tad-dazji indiretti ta' Gennevilliers, fit-2 ta' Mejju 2007. Meta ma rċeviet l-ebda risposta għat-talba tagħha, Tereos ressqet il-kawża quddiem it-Tribunal de grande instance (Qorti Reġjonali) ta' Nanterre, u sostniet li r-Regolament Nru 1686/2005 kien invalidu u talbet ir-rimbors tal-ammont imħallas żejjed evalwat għal EUR 11 600 782.

34 Wara l-adozzjoni tar-Regolament Nru 1193/2009, Tereos talbet lil din il-qorti, b'mod partikolari, qabel ma tagħti d-deċiżjoni tagħha, sabiex tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja domandi preliminari dwar il-validità tar-Regolament Nru 1193/2009 fid-dawl tal-Artikolu 15 tar-Regolament bażiku u sabiex tordna r-rimbors lilha tas-somma ta' EUR 11 600 782, flimkien mal-interessi skont il-liġi.

35 Skont il-qorti tar-rinviju, jidher li l-Kummissjoni, fil-kuntest tar-Regolament Nru 1193/2009, ma kkalkolatx mill-ġdid l-ammont tal-imposti fuq il-produzzjoni billi applikat b'mod strett il-metodu ta' kalkolu li jirriżulta mill-Artikolu 15 tar-Regolament bażiku, kif interpretat mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza Zuckerfabrik Jülich *et*, iċċitata iktar 'il fuq, imma użat il-metodu li kien ġie applikat għas-sena tas-suq 2001/2002, peress li l-Qorti tal-Ġustizzja kienet indikat li minn evalwazzjoni tar-Regolament Nru 1837/2002 ma rriżultax li kienu jeżistu xi fatturi tali li jaffettwaw il-validità tiegħu.

36 Għaldaqstant, it-Tribunal de grande instance de Paris iddeċieda li jissospendi l-proċeduri u li jagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) L-Artikolu 15(1)(d) tar-Regolament [bażiku] għandu jiġi interpretat fis-sens li, għall-finijiet tal-kalkolu tat-telf medju, għall-kategoriji kollha ta' zokkor esportati, is-somma tan-nefqa attwali għandha tiġi diviża bis-somma tal-kwantitajiet esportati, irrispettivament minn jekk effettivament tħallsux jew le rifużjonijiet għal dawn il-kwantitajiet?

2) Ir-Regolament Nru 1193/2009 huwa invalidu fid-dawl tal-Artikolu 15 tar-Regolament [bażiku] sa fejn jistabbilixxi taxxa [imposta] fuq il-produzzjoni taz-zokkor li hija kkalkolata abbażi ta' telf medju fil-kalkolu li jinvolvi, sa fejn jikkonċerna z-zokkor esportat fil-prodotti pproċessati, multiplikazzjoni tal-ammont tal-unità tar-rifużjoni għall-esportazzjoni fir-rigward ta' dawn

il-prodotti u t-total tal-kwantitajiet esportati, inklużi l-kwantitajiet esportati mingħajr ġbir ta' rifużjoni, u mhux [...] diviżjoni tan-nefqa attwali magħmula bis-somma ta' kwantitajiet esportati, b'rifużjoni jew mingħajrha?"

Fuq l-għaqda tal-Kawżi C-113/10, C-147/10 u C-234/10

37 Permezz ta' digriet tal-President tar-Raba' Awla tal-Qorti tal-Ġustizzja, tal-15 ta' April 2011, il-Kawżi C-113/10, C-147/10 u C-234/10 ġew magħquda għall-finijiet tal-proċedura orali u tas-sentenza peress li s-suġġett tagħhom huwa konness.

Fuq id-domandi preliminari

Fuq l-unika domanda fil-Kawża C-113/10, l-ewwel domanda fil-Kawża C-147/10 u ż-żewġ domandi fil-Kawża C-234/10

38 Permezz ta' dawn id-domandi, li għandhom jiġu eżaminati flimkien, il-qrati tar-rinviju jistaqsu, essenzjalment, jekk il-metodu ta' kalkolu tat-telf medju għal kull tunnellata ta' zokkor għall-obbligi tal-esportazzjoni li għandhom jitwettqu matul is-sena kurrenti (iktar 'il quddiem, it-"telf medju") adottat mill-Kummissjoni fir-Regolament Nru 1193/2009 huwiex konformi mar-Regolament bażiku kif interpretat mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza Zuckerfabrik Jülich *et*, iċċitata iktar 'il fuq, u fid-digriet SAFBA, iċċitat iktar 'il fuq.

39 Skont l-Artikolu 15(1)(d) tar-Regolament bażiku, it-telf medju għandu jkun ugwali għad-differenza bejn l-ammont totali tal-ħlasijiet lura u l-ammont totali tad-dħul mit-taxxi fuq it-tunnellaġġ metriku totali tal-obbligi tal-esportazzjoni li għandhom jitwettqu matul is-sena tas-suq kurrenti. L-estimi tat-telf globali, skont l-Artikolu 15(1)(e) ta' dan ir-regolament, jinkisbu bil-multiplikazzjoni tal-eċċess esportabbli mat-telf medju.

40 Huwa stabbilit li l-metodu ta' kalkolu tat-telf medju użat għat-tħejjija tar-Regolament Nru 1193/2009 huwa differenti f'żewġ punti minn dak użat għat-tħejjija tar-Regolamenti Nri 1762/2003, 1775/2004, 1686/2005 u 164/2007.

41 Minn naħa, it-"tunnellaġġ metriku totali tal-obbligi tal-esportazzjoni" li jikkostitwixxi, skont l-Artikolu 15(1)(d) tar-Regolament bażiku, id-denominatur tal-proporzjon numeriku li jippermetti li jiġi kkalkolat it-telf medju, issa jinkludi l-obbligi kollha tal-esportazzjoni fosthom dawk li ma kinux is-suġġett ta' ħlas lura għall-esportazzjoni. Din il-modifika fil-metodu ta' kalkolu tat-telf medju hija, kif jammettu, mill-bqija, il-persuni kollha kkonċernati li ppreżentaw osservazzjonijiet, konformi mal-Artikolu 15(1)(d) tal-imsemmi regolament, kif interpretat mill-Qorti tal-Ġustizzja, b'mod partikolari fis-sentenza Zuckerfabrik Jülich *et*, iċċitata iktar 'il fuq.

42 Min-naħa l-oħra, l-"ammont totali tar-rifużjoni" għaz-zokkor li jinsab fil-prodotti pproċessati, li jikkostitwixxi, skont l-Artikolu 15(1)(d) tar-Regolament bażiku, parti min-nominatur tal-proporzjon numeriku li jippermetti li jiġi kkalkolat it-telf medju, huwa r-riżultat ta' operazzjoni fi tliet stadji. L-ewwel nett, it-total tal-obbligi tal-esportazzjoni għall-imsemmija kategorija taz-zokkor huwa diviż bi tnax, u kull waħda mill-frazzjonijiet ta' dan it-total tiġi attribwita għal xahar tas-sena tas-suq. It-tieni nett, iċ-ċifra miksuba b'dan il-mod tiġi mmultiplikata għal kull xahar bl-ammont tal-ħlas lura medju li għandu jitħallas għal dan it-tip ta' esportazzjonijiet matul dan ix-xahar. It-tielet nett, ir-riżultati ta' kull kull wieħed minn dawn il-prodotti mensili jingħaddu flimkien sabiex jinkiseb l-ammont totali tal-ħlas lura għas-sena tas-suq kollha.

43 Il-Kummissjoni tenfasizza li dan il-metodu ta' kalkolu tat-telf medju diġà ntuża fil-passat u b'mod partikolari fir-Regolament Nru 1837/2002. Dan il-metodu ġie approvat mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza Zuckerfabrik Jülich *et*, iċċitata iktar 'il fuq, fejn l-imsemmija qorti ddeċidiet li l-eżami tar-Regolament Nru 1837/2002 ma kienx wera l-eżistenza ta' elementi tali li jaffettwaw il-validità tiegħu.

44 Dan l-argument ma jistax jintlaqa'.

45 Fil-fatt, fis-sentenza Zuckerfabrik Jülich *et*, iċċitata iktar 'il fuq, il-Qorti tal-Ġustizzja esprimiet ruħha fuq il-validità tar-Regolament Nru 1837/2002 biss sa fejn kien meħtieġ sabiex tingħata risposta għad-domanda magħmula lilha, billi ħadet inkunsiderazzjoni l-argumenti ppreżentati quddiemha. B'mod iktar speċifiku, mill-punti 61 u 63 ta' din is-sentenza jirriżulta li l-Qorti tal-Ġustizzja esprimiet ruħha fuq il-metodu użat mill-Kummissjoni sabiex tikkalkola t-tunnellaġġ totali tal-obbligi tal-esportazzjoni u mhux fuq l-elementi kollha tal-kalkolu tat-telf medju. Kif osservat l-Avukat Ġenerali fil-punt 83 tal-konklużjonijiet tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja ma eżaminatx il-formola użata għall-kalkolu tal-ammont totali tal-ħlas lura li ġiet riprodotta fil-kuntest tar-Regolament Nru 1193/2009. Għaldaqstant għandha tiġi eżaminata din id-domanda ġdida sabiex tingħata deċiżjoni dwar il-konformità ta' dan ir-regolament imsemmi l-aħħar mal-Artikolu 15(1)(d) tar-Regolament bażiku.

46 Għal dan il-għan, għandu jitfakkar li r-Regolament bażiku huwa intiż sabiex jistabbilixxi sistema ta' awtofinanzjament tal-infiq tar-rimi tal-eċċess, billi jiżgura b'mod ġust imma effikaċi l-finanzjament sħiħ mill-produtturi nfushom ta' dan l-infiq (sentenza Zuckerfabrik Jülich *et*, iċċitata iktar 'il fuq, punt 44). Għaldaqstant, il-metodu ta' kalkolu adottat ma għandux iwassal, fil-prattika, sabiex jiġi ffissat *a priori* t-telf globali għal ammont ogħla minn dak tal-ispejjeż marbuta mal-ħlasijiet lura relatati mar-rimi tal-eċċess ta' produzzjoni Komunitarja (sentenza Zuckerfabrik Jülich *et*, iċċitata iktar 'il fuq, punt 60).

47 Barra minn hekk, mill-Artikolu 15(1)(e) tar-Regolament bażiku jirriżulta li t-telf globali huwa r-riżultat miksub billi jiġi mmultiplikat l-eċċess esportabbli bit-telf medju. Għaldaqstant, kull stima eċċessiva tat-telf medju twassal b'mod inevitabbli għal stima eċċessiva tat-telf globali.

48 Il-metodu ta' kalkolu użat mill-Kummissjoni sabiex tiddetermina l-ammonti tal-imposti fuq il-produzzjoni għas-settur taz-zokkor, kif iffissati bir-Regolament Nru 1193/2009, ma huwiex ibbażat fuq it-teħid inkunsiderazzjoni tal-ammont tal-ħlasijiet lura għall-esportazzjoni magħmula sabiex jiġi żgurat ir-rimi tal-kwantitajiet ta' zokkor li jinsabu fil-prodotti pproċessati li kienu s-suġġett ta' obbligi ta' esportazzjoni. Huwa jattribwixxi lil dawn il-kwantitajiet kollha ammont teoretiku ta' ħlas lura, ibbażat fuq il-medja tal-ammonti ffissati b'mod perjodiku mill-Kummissjoni, indipendentement minn kemm huwa effettiv il-pagament ta' eventwali ħlas lura u mill-ammont reali ta' dan il-ħlas lura.

49 Sa fejn, kif jirriżulta mill-proċess, u b'mod partikolari mid-diversi dokumenti ta' xogħol tal-Kumitat tal-ġestjoni tal-organizzazzjoni komuni tas-swieq agrikoli, parti sostanzjali taz-zokkor li jinsab fil-prodotti pproċessati hija esportata mingħajr ma qatt isir il-ħlas lura, dan il-metodu ta' kalkolu fil-fatt iżid b'mod artifiċjali l-ammont totali tal-ħlasijiet lura. Iċ-ċifra użata mill-Kummissjoni bħala ammont totali tal-ħlasijiet lura ma jifdallhiex rabta diretta mal-infiq li huwa r-responsabbiltà tal-Unjoni Ewropea għar-rimi tal-eċċess taz-zokkor.

50 Għandu jitfakkar li l-ammont totali tal-ħlasijiet lura jikkostitwixxi parti min-nominatur tal-proporzjon numeriku li tippermetti l-kalkolu tat-telf medju. Barra minn hekk, din iż-żieda tan-nominatur timplika neċessarjament stima eċċessiva tat-telf medju u għaldaqstant tat-telf globali, bi ksur tal-Artikolu 15(1) tar-Regolament bażiku.

51 Il-Kummissjoni ssostni wkoll li hija mġiegħla tuża dan il-metodu ta' kalkolu sabiex tirrispetta n-natura prospettiva tas-sistema stabbilita mill-imsemmi regolament.

52 Madankollu, dan l-argument ma jistax jintlaqa'. Fil-fatt, għar-raġunijiet esposti fil-punt 49 ta' din is-sentenza, il-proċess li jikkonsisti fil-multiplikazzjoni tat-total mensili tal-obbligi tal-esportazzjoni bl-ammont tal-ħlas lura medju pagabbli matul ix-xahar ikkonċernat ma jistax jitqies li huwa mezz li bih jista' jiġi previst l-ammont probabbli tal-ħlasijiet lura li ser isiru għaz-zokkor li jinsab fil-prodotti pproċessati.

53 B'dan il-mod, is-sistema introdotta mill-Kummissjoni, inkwantu hija twassal fil-prattika sabiex jiġi ffissat *a priori* t-telf globali għal ammont ogħla minn dak tal-ispejjeż marbuta mal-ħlasijiet lura, imur lil hinn mill-għan tar-Regolament bażiku, u b'mod partikolari minn finanzjament ġusti tal-infiq marbut mar-rimi tal-eċċess ta' produzzjoni Komunitarja, imfakkar fil-punt 46 ta' din is-sentenza.

54 Fid-dawl ta' dak li ntqal, ir-risposta għall-unika domanda fil-Kawża C-113/10, għall-ewwel domanda fil-Kawża C-147/10 u għaż-żewġ domandi fil-Kawża C-234/10 għandha tkun li r-Regolament Nru 1193/2009, fid-dispożizzjonijiet tiegħu minbarra dawk tal-Artikolu 3, diġà annullati bħala riżultat tal-annullament tal-Artikolu 2 tar-Regolament Nru 1686/2005, deċiż mill-Qorti Ġenerali fis-sentenza tagħha Il-Polonja vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, huwa invalidu.

Fuq it-tieni domanda fil-Kawża C-147/10

55 Fid-dawl tar-risposta mogħtija għall-unika domanda fil-Kawża C-113/10, għall-ewwel domanda fil-Kawża C-147/10 u għaż-żewġ domandi fil-Kawża C-234/10, ma hemmx lok li tingħata risposta għat-tieni domanda fil-Kawża C-147/10.

Fuq it-tielet domanda fil-Kawża C-147/10

56 Permezz tat-tielet domanda tagħha fil-Kawża C-147/10, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk ir-rata ta' kambju applikabbli għall-kalkolu tal-kumpens dovut għall-pagamenti eċċessivi tal-imposti fuq il-produzzjoni fis-settur taz-zokkor għandhiex tiġi stabbilita mid-dritt tal-Unjoni u jekk l-Artikolu 6 tar-Regolament Nru 1193/2009 għandux jiġi interpretat fis-sens li huwa jeżiġi li tiġi applikata r-rata ta' kambju fis-seħħ fil-mument li fih l-ammont ta' dawn l-imposti ġie ffissat inizjalment.

57 F'dan ir-rigward, f'dak li jikkonċerna l-Artikolu 6 tar-Regolament Nru 1193/2009, li l-invalidità tiegħu ġiet iddikjarata fil-punt 54 ta' din is-sentenza, għandu, f'kull każ, jiġi osservat li dan l-artikolu sempliċement jistabbilixxi d-data li fiha dan ir-regolament daħal fis-seħħ, kif ukoll id-dati li minnhom bdew japplikaw l-Artikoli 1 sa 4 ta' dan tal-aħħar, u għalhekk ma jistax jitqies li jiddetermina d-data li għandha tittieħed inkunsiderazzjoni għall-finijiet tal-iffissar tar-rata ta' kambju applikabbli għal-ħlasijiet lura tal-pagamenti eċċessivi tal-imposti fuq il-produzzjoni fis-settur taz-zokkor għas-snin tas-suq 2002/2003, 2003/2004, 2004/2005 u 2005/2006.

58 Barra minn hekk, peress li l-imsemmija imposti huma, skont l-Artikolu 8(1) tad-Deċiżjonijiet 2000/597 u 2007/436, irċevuti mill-Istati Membri b'mod konformi mal-liġijiet, mar-regolamenti u mad-dispożizzjonijiet amministrattivi nazzjonali, li, fejn xieraq, jiġu adattati għar-rekwiżiti tad-dritt tal-Unjoni, il-kawżi relatati mal-ħlas lura tal-ammonti rċevuti f'isem l-Unjoni jaqgħu taħt il-kompetenza tal-qrati nazzjonali u għandhom jiġu deċiżi minnhom skont id-dritt nazzjonali tagħhom, kemm fuq il-lat proċedurali kif ukoll dak sostanzjali (sentenzi tal-21 ta' Mejju 1976, Roquette frères vs Il-Kummissjoni, 26/74, p. 677, punt 11, u tat-12 ta' Ġunju 1980, Express Dairy Foods, 130/79, Ġabra p. 1887, punt 11).

59 Jirriżulta li l-ebda dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni ma tistabbilixxi regoli rigward ir-rata ta' kambju applikabbli għall-kalkolu tal-ħlasijiet lura li saru b'mod indebitu għall-imposti fuq il-produzzjoni fis-settur taz-zokkor.

60 Fin-nuqqas ta' dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni f'dan il-qasam, huma l-awtoritajiet nazzjonali, u b'mod partikolari l-qrati nazzjonali fil-każ ta' ħlas lura ta' imposti mħallsa b'mod indebitu abbażi tar-regolament tal-Unjoni li ġew iddikjarati invalidi, li jirregolaw il-kwistjonijiet kollha addizzjonali marbuta ma' dan il-ħlas lura, bħalma huwa l-ħlas ta' interessi, billi japplikaw ir-regoli nazzjonali tagħhom rigward ir-rata ta' interessi u d-data li minnha għandhom jibdew jiġu kkalkolati l-interessi (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Express Dairy Foods, iċċitata iktar 'il fuq, punti 14 u 17).

61 Fin-nuqqas ta' leġiżlazzjoni tal-Unjoni f'dan il-qasam, hija s-sistema legali nazzjonali ta' kull wieħed mill-Istati Membri li għandha tipprovdi l-kundizzjonijiet li fihom tali interessi għandhom jitħallsu, b'mod partikolari r-rata u l-metodu ta' kalkolu ta' dawn l-interessi (interessi sempliċi jew interessi komposti). Dawn il-kundizzjonijiet għandhom josservaw il-prinċipji ta' ekwivalenza u ta' effettività, jiġifieri ma għandhomx ikunu inqas favorevoli minn dawk li jikkonċernaw talbiet simili bbażati fuq dispożizzjonijiet tad-dritt nazzjonali u lanqas ma għandhom strutturati b'mod li jirrendu impossibbli fil-prattika l-eżerċizzju tad-drittijiet mogħtija mis-sistema legali tal-Unjoni (sentenza tad-19 ta' Lulju 2012, Littlewoods Retail *et*, C-591/10, punt 27).

62 Dan jgħodd għar-rata ta' kambju applikabbli għall-ħlasijiet lura ta' pagamenti żejda ta' imposti fuq il-produzzjoni fis-settur taz-zokkor, li għandha, għaldaqstant, bħala regola ġenerali, tiġi stabbilita mis-sistema legali nazzjonali tal-Istat Membru konċernat.

63 Fid-dawl ta' dak li ntqal, ir-risposta għat-tielet domanda fil-Kawża C-147/10 għandha tkun li, fin-nuqqas ta' dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni fuq dan il-punt, huwa d-dritt nazzjonali tal-Istat Membru konċernat li għandu jistabbilixxi r-rata ta' kambju applikabbli għall-kalkolu tal-kumpens dovut għall-pagament żejjed ta' imposti fuq il-produzzjoni fis-settur taz-zokkor.

Fuq ir-raba' domanda fil-Kawża C-147/10

64 Permezz tar-raba' domanda tagħha fil-Kawża C-147/10, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk id-dritt tal-Unjoni jipprojbix l-għoti ta' interessi fuq is-somom imħallsa b'mod indebitu inkwantu imposti fuq il-produzzjoni fis-settur taz-zokkor, iffissat minn regolament invalidu, fil-każ fejn l-Istat Membru konċernat ma jistax jitlob l-interessi korrispondenti mir-riżorsi tal-Unjoni u, fil-każ li tingħata risposta fin-negattiv, jekk dan id-dritt jippermettix lil qorti nazzjonali jew lil awtorità nazzjonali oħra li ma tagħtix interessi billi tibbaża ruħha fuq setgħa diskrezzjonali mogħtija lilha mis-sistema legali nazzjonali.

65 Meta Stat Membru jkun ġabar taxxi bi ksur tar-regoli tad-dritt tal-Unjoni, l-individwi għandhom id-dritt mhux biss għar-rimbors tat-taxxa indebitament miġbura, iżda wkoll għall-ammonti mħallsa lil dan l-Istat jew miżmuma minnu b'relazzjoni diretta ma' din it-taxxa. Dan jinkludi wkoll it-telf ikkostitwit mill-indisponibbiltà ta' somom ta' flus wara l-ġbir prematur tat-taxxa (ara s-sentenzi tat-8 ta' Marzu 2001, Metallgesellschaft *et*, C-397/98 u C-410/98, Ġabra p. I-1727, punti 87 sa 89; tat-12 ta' Diċembru 2006, Test Claimants in the FII Group Litigation, C-446/04, Ġabra p. I-11753, punt 205, kif ukoll tad-19 ta' Lulju 2012, Littlewoods Retail *et*, C-591/10, iċċitata iktar 'il fuq, punt 25).

66 Minn din il-ġurisprudenza jirriżulta li l-prinċipju ta' obbligu tal-Istati Membri li jħallsu lura bl-interessi l-ammonti tat-taxxa mħallsa bi ksur tad-dritt tal-Unjoni jirriżulta minn dan id-dritt imsemmi l-aħħar.

67 Għalhekk, indipendentement mill-kwistjoni dwar jekk l-Istat Membru jistax jitlob l-interessi mir-riżorsi proprji tal-Unjoni, kwistjoni li ma hemmx bżonn li tiġi deċiża fil-kuntest ta' din il-kawża, il-partijiet f'kawża li għandhom dritt għar-rimbors ta' somom imħallsa indebitament bħala imposti fuq il-produzzjoni fis-settur taz-zokkor iffissati permezz ta' regolament invalidu għandhom ukoll id-dritt għall-ħlas tal-interessi marbuta miegħu.

68 Għaldaqstant, l-użu minn qorti nazzjonali tas-setgħa diskrezzjonali tagħha sabiex tirrifjuta l-pagament ta' interessi fuq ammonti rċevuti minn Stat Membru abbażi ta' regolament invalidu ma jistax jiġi aċċettat għar-raġuni li dan l-Istat Membru ma jistax jitlob l-interessi korrispondenti mir-riżorsi proprji tal-Unjoni.

69 Konsegwentement, ir-risposta għar-raba' domanda fil-Kawża C-147/10 għandha tkun li, skont id-dritt tal-Unjoni, il-partijiet fil-kawża li għandhom dritt għar-rimbors tas-somom imħallsa indebitament bħala imposti fuq il-produzzjoni fis-settur taz-zokkor iffissati minn regolament invalidu għandhom ukoll id-dritt għall-ħlas tal-interessi marbuta miegħu. Qorti nazzjonali ma tistax, fil-kuntest tas-setgħa diskrezzjonali tagħha, tirrifjuta l-pagament ta' interessi fuq l-ammonti rċevuti minn Stat Membru abbażi ta' regolament invalidu għar-raġuni li dan l-Istat Membru ma jistax jitlob l-interessi korrispondenti mir-riżorsi proprji tal-Unjoni.

Fuq l-ispejjeż

70 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Ir-Raba' Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1193/2009, tat-3 ta' Novembru 2009, li jirrettifika r-Regolamenti (KE) Nru 1762/2003, (KE) Nru 1775/2004, (KE) Nru 1686/2005, (KE) Nru 164/2007 u li jiffissa l-imposti tal-produzzjoni fis-settur taz-zokkor għas-snin tas-suq 2002/2003, 2003/2004, 2004/2005, 2005/2006, fid-dispożizzjonijiet tiegħu minbarra dawk tal-Artikolu 3, diġà annullati bħala riżultat tal-annullament tal-Artikolu 2 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1686/2005, tal-14 ta' Ottubru 2005, li jistabbilixxi l-imposti fuq il-produzzjoni u l-koeffiċjenti għall-imposta addizzjonali fis-settur taz-zokkor għas-sena tas-suq 2004/05, deċiż mill-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea fis-sentenza tagħha tad-29 ta' Settembru 2011, Il-Polonja vs Il-Kummissjoni (T-4/06), huwa invalidu.

2) Fin-nuqqas ta' dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni fuq dan il-punt, huwa d-dritt nazzjonali tal-Istat Membru kkonċernat li għandu jistabbilixxi r-rata ta' kambju applikabbli għall-kalkolu tal-kumpens dovut għall-pagament żejjed ta' imposti fuq il-produzzjoni fis-settur taz-zokkor.

3) Skont id-dritt tal-Unjoni, il-partijiet fil-kawża li għandhom dritt għar-rimbors tas-somom imħallsa indebitament bħala imposti fuq il-produzzjoni fis-settur taz-zokkor iffissati minn regolament invalidu għandhom ukoll id-dritt għall-ħlas tal-interessi marbuta miegħu. Qorti nazzjonali ma tistax, fil-kuntest tas-setgħa diskrezzjonali tagħha, tirrifjuta l-pagament ta' interessi fuq l-ammonti rċevuti minn Stat Membru abbażi ta' regolament invalidu għar-raġuni li dan l-Istat Membru ma jistax jitlob l-interessi korrispondenti mir-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea.

Firem